Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 5**

**Data:** It-Tlieta, 17 ta' Mejju 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Sala, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Membru
Dr. Samuel Azzopard – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**5.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 4**

5.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**5.2 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 4**

5.2.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Clifford Galea Vella, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 t' April 2022 u s-16 ta' Ġunju 2022 li kienet tammonta għall-€84,941.98.

**5.3 Punti maħruġa mill-Minuti**

| | |
|---|---|
| **5.3.1 Talba għal-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li kien talab laqgħa mal-Onor. Alison Zerafa Civelli. Semma li għalissa kien għadu ma nagħtax data peress li l-Onorevoli kienet bdiet sensiela tal-laqgħat mar-Reġjuni. Għaladaqstant, il-laqgħa mal-AKL ser tiġi skedata wara dawn il-laqgħat. |
| **5.3.2 Compose Plus** | Il-President semma li fis-27 ta' Mejju kienu ġejjin delegazzjoni minn Kreta fuq il-proġett Compose Plus. Semma li ser ikun hemm study visits ġewwa Wied fulija kif ukoll l-Power station ta' Dellimara u wara ser issegwi round table discussion fejn għaliha l-AKL stiedent diversi entitajiet u Ministeri relatati mal-iskop tal-proġett. |
| **5.3.3 Donazzjonijiet għall-Ukranja** | Il-President semma li l-merchant account ma' Trust Pay kien tlesta, kien sar ukoll filmat qasir jippromovi din l-inizjattiva kif ukoll kienu saru l-permessi kollha neċessarji mal-pulizija. |
| **5.3.4 Civil Society Committee - MCESD** | Il-President semma li kien attenda għall-ewwel laqgħat ta' CSC, fejn kienu bdew jiġu diskussi l-prijoritajiet ta' dan il-kumitat. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**5.3.5 Taħriġ imeħjji mill-AKL**

Il-President fakkar li kienu ser jibdew tliet ijiem taħriġ pjanat għall-Membri Eletti kif ukoll l-Amministrattiv fuq Speech Writing, Public Speaking kif ukoll Digital Marketing u Social Media. Semma li sessjoni minnhom ta' Digital Marketing u Social Media kienet ser tkun repplikata nhar l-20 ta' Mejju ġewwa Għawdex.

**5.3.6 Norway Visit – EEA Grants**

Il-President informa li kien gaħdu kemm wasal lura l-ewwel grupp li vjaġġa lejn in-Norveġja għall-istudy visit li kienet organizzata mid-Diviżjoni bħala parti mill-proġett tal-EEA Grants. Semma wkoll li ltaqa' l-kumitat li hemm fuq dan il-proġett sabiex tinħareġ it-tielet sejħa għall-fondi taħt għall-loklaitajiet Urbani li jistgħu jibbenifikaw mill-proġett. Ghall-din il-laqgha, li hadet xejra ta' seminar ta' nofs ta nhar, attenda hu personalment fejn gew suggeriti xi bidliet biex tkun aktar facli ghall-Kunsilli Lokali eliggibli, sabiex japplikaw.

5.3.7 Is-Sur Max Zammit daħal għal-laqgħa 17:47.

**5.3.8 ECAD**

Il-President propona li l-AKL tħallas il-Membership għas-sena 2022. Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li din għandha tiġedded. Semma wkoll li kienet intbgħatet ċirkulari lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali sabiex dawk intressati jkunu jistgħu jħalsu il-membership. Semma li l-konferenza tal-ECAD ser issir ġewwa l-Isvezja f' Ġunju. Il-President semma li l-AKL ser tkun qed tipparteċipa f' din il-konferenza u se jkun qed jerga' jressaq in-nomina tieghu ghall-elezzjoni tal-bord il-gdid tal-Assocjazzjoni. L-elezzjoni ser issir it-Tlieta, 14 ta' Gunju wara li tintemm il-konferenza tal-WFAD.

**5.3.9 Kollaborazzjoni mal-Jobsplus**

Il-President semma li kienet saret sessjoni ta' informazzjoni għall-Kunsilli Reġjonali u Lokali b' kollaborazzjoni mal-Jobsplus. Il-President stieden lill-Kunsilli Reġjonali ikomplu jinfurmaw lill-Kunsilli Lokali b' servizzi kif ukoll b' taħriġ offrut b' xejn mill-Jobsplus.

**5.4.10 Ġbir ta' skart organiku**

Il-President semma li kien beda l-proġett ta' ġbir ta' skart organiku minn stabbilimenti tal-ikel, f' żoni turistiċi matul tmiem il-ġimgħa. Il-President semma li l-proġett kien beda fis-7 ta' Mejju 2022. Semma li l-ammont ta' skart miġbur

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

għadu wisq baxx. Semma li bdiet ukoll komunikazzjoni mal-Gozo Tourism Association sabiex jassistu fil-promozzjoni ta' dan il-proġett mal-istabbilimenti tal-ikel ġewwa Għawdex. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tibda wkoll kampanja kummerċjali sabiex dawn iċ-ċiefri jitilgħu matul il-ġimgħat.

**5.4.11 Green Public Procurment**

Il-President irringrazzja lil dawk kollha li attendew għas-sessjoni ta' taħriġ fuq il-Green Public Procurment. Semma li f' Settembru ser ikun hemm sessjoni ta' kontinwazzjoni organizzata mill-IPS u li fiha ser ikun hemm ukoll test qasir sabiex minn jgħaddi jkun jista' jingħata ċertifikat.

**5.4.12 Taħriġ fuq ePPS – Evalwazzjoni ta' Sejħiet Pubbliċi**

Il-President semma li l-AKL diġa qiegħda f' kuntatt mad-dipartiment tal-Kuntratti sabiex jiġi organizzat taħriġ speċifiku fuq l-Evalwazzjoni ta' Sejħiet Pubbliċi.

**5.4.13 Finanzjament tar-Reġjuni mill-Gvern Ċentrali**

Il-President semma li ser ikun hemm laqgħa fiż-żmien li gej hekk kif tigi rizolta l-issue tas-sejha pubblika tal-iskart regjonali.

**5.5 Komunikazzjoni mill-President**

**5.5.1 PCRB – Sejħa Pubblika – Chief Executive CoR / CoE**

Il-President semma li kien infetaħ appell mill-kumpanija li ma ntgħażlitx għax kienet it-tieni l-orħos. Semma li għall-ewwel darba kemm ijlha jkollha PCRB l-AKL, l-avukat tal-appellant talab li l-Board tal-Evalwazzjoni jkun preżenti kollu waqt s-smiegħ tas-seduta. Il-President qal li jkun f' pożizzjoni li jagħti aġġornament fil-laqgħa li jmiss.

**5.5.2 Dementia Awareness**

Il-President semma li ser ikunu qed jibdew il-preparamenti sabiex f' Settembru tittella' konferenza. Dettalji jingħataw aktar 'l quddiem imma diga bdew xi laqghat preliminari bi thejjija.

**5.5.3 CEMR – YEP Forum**

Il-President semma li l-AKL kienet ġiet ikkuntatjata mis-CEMR sabiex l-Assoċjazzjoni jkollha rappreżentanza fuq il-Board taz-zghazagh. Il-President propona li s-Sur Clifford Galea li kien diġa magħżul mill-YEP bħala Membru kif ukoll is-Sa. Francine Farrugia jirrappreżentaw lill-AKL.

**5.5.4 Laqgħat Awtorita' tal-Ippjanar**

Il-President semma li kienu ser jibdew jiġu skedati laqgħat mal-Awtorita' tal-Ippjanar fuq il-possibbilita' li l-Kunsilli Lokali jkollhom l-aċċess tal-GIS.

**5.5.5 CERV Projects**

Il-President semma li kienet intbgħatet ittra ta' support

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

fuq żewġ proġeti taħt il-programm CERV. Semma li l-AKL uriet l-intress li tipparteċipa fi proġett li jiffoka fuq iż-żgħażagħ u t-turiżmu lokali kif ukoll proġett imexxi mill-Malta Society for Wellbeing imexxija mill-Emeritus Marie Louise Coleiro Preca.

**5.5.6 Infurzar lokali**

Il-President semma li ntbghatet kommunikazzjoni ufficcjali lil Ministri, l-Onor Miriam Dalli kif ukoll l-Onor Byron Camilleri flimkien mal-Onor. Alison Zerafa Civelli sabiex jibdew sensiela ta' laqghat sabiex tinstab triq 'l quddiem ta' kif l-infurzar ambjentali jkun aktar b' saħħtu u dan anki jgħin sabiex jintleħqu l-miri ambjentali. Semma li lkoll flimkien irridu insibu mekkaniżmu li jitħaddem tajjeb parallel mal-Pjan Nazzjonali tal-Immaniġjar tal-Iskart. Semma li sa issa għadd m' għandux data għal din il-laqgħa.

**5.5.8 Roof Garden u Green Wall**

Il-President semma li l-AKL kienet ħadet parir legali wara li l-kuntrattur ħalla x-xogħol mhux komplut u għaldaqstant il-proġett għadu mhux lest. Semma li intbgħatet ittra legali lill-kuntrattur li kienu bdew il-penali kif stipulat fis-sejħa, mill-1 t' April sakemm jiġi jkompli.

**5.5.9 European Local Democracy Week**

Il-President semma li għall-ewwel darba l-AKL ser tkun qed tipparteċipa fil-Local Democracy Week f' Ottubru. Semma li ser ikunu qed jiġu skedati laqgħat ma' xi NGOs sabiex naraw pjan 'il quddiem ta' kif l-aħjar nipparteċipaw.

**5.5.10 Proġett tal-Kontroll tal-Ħamiem**

Il-President semma li l-proġett huwa mixi. Kien hemm qbil bejn il-kuntrattur u l-AKL li l-ewwel kuntratt jiskadi fl-aħħar t' Awwissu u mhux f' Mejju peress li l-għalf dam ma wasal. Semma li din l-extensjoni ma tirrikjedi l-ebda ħlas addizzjonali min-naħa tal-AKL. Semma li ser ikun qed jibda laqgħat mal-partijiet ikkonċernati sabiex il-proġett ikompli għal sena oħra u għaldaqstant ikun hemm il-finanzjament meħtieġ.

**5.5.11 Hornets**

Il-President semma li bdew ukoll diskussjonijiet sabiex jitfassal qafas li minnu insibu kuntrattur u anki prezz fiss sabiex il-Kunsill ikun jista' jutilizza is-servizz sabiex ineħħi hornets minn postijiet pubbliċi. Il-President semma li ser ikun qed jara kif jista' jiġi mfassal qafas għal sejħa pubblika.

**5.5.12 Tribunal Industrijali**

Il-President semma li s-seduta tal-kawża li ex-impjegata

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | tal-AKL għad għandha miftuħa quddiem it-Tribunal Industrijali ġiet diferrita għal Lulju. |
| **5.5.13 Team Building Eżekuttiv** | Kien propost li nhar id-9 ta' Lulju tiġi organizzata attivita' ta' team building għall-Kumitatt Eżekuttiv. |
| **5.5.14 Żjara mill-President ta' Kunsill Ewropew** | Il-President semma li l-AKL ġiet notifikata li ser ikun qed iżur Malta l-President ta' CoE. Semma li fil-laqgħa li jmiss ikun jista' jagħti aktra dettalji peress li s' issa ma kienet daħlet l-ebda korrispondenza uffiċjali. |
| **5.5.15 ACCERE - Lombardija** | Il-President semma li kienet bdiet komunikazzjoni ma' Accere li hija l-Assoċjazzjoni tar-Reġjuni fil-Lombardija sabiex possibilment ikun hemm kollaborazzjoni bejn iż-żewġ Assoċjazzjonijiet. Semma li kien hemm l-ewwel laqgħa fejn saru skambju ta' ideat u ser ikunu qed jibgħatu proposta għal dan it-twinning. |
| **5.5.16 Ġnejna fi Sptar Mater Dei** | Il-President semma li l-AKL kienet irċiviet proposta mill-isptar Mater Dei sabiex tikkollabora fil-ftuħ ta' ġnejna li ser issir f' waħda mis-swali tal-isptar. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Max Zammit, l-Eżekuttiv approva li għandu jikkontribwixxi f' dan il-proġett permezz ta' xiri ta' siġar u xi aċċessorji żgħar li jista' jkun hemm bżonn. |
| **5.5.17 Sfidi fir-Reklutaġġ** | Il-President semma li qed ikun hemm sfidi minn diversi Kunsilli Reġjonali u Lokali sabiex jirreklutaw ħaddiema klerikali. Semma li ser ikun qed ikompli jara li jkun hemm tibdil fir-rekwiżiti sabiex wieħed ikun eliġibbli li japplika għal xogħol mal-Kunsilli. |
| **5.5.18 Faculty for Social Wellbeing** | Il-President semma li l-AKL kienet ipparteċipat f' stakeholders meeting organizzat mill-Fakulta'. Semma li matul din l-laqgħa l-Assoċjazzjoni semmiet punti ewlenin li l-AKL tixtieq taħdem fuqhom flimkien mal-Fakulta'. |
| **5.5.19 Laqgħa RSSL – Ħaddiema AirMalta** | Il-President semma li attenda għal-laqgħa Ministerjali u anki ma' Chairman tal-RSSL separatament, sabiex ikun diskuss it-triq 'l quddiem sabiex dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jiġu allokati mal-Kunsilli Lokali. Semma li li jidher li l-problema hija s-salarju ta' dawn il-ħaddiema, li huwa ferm għoli mill-iskali li hemm fil-Kunsilli Lokali. Il-pożizzjoni tal-AKL kienet li jekk hemm ħaddiema b' salarju ta' |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

€23,000 jew inqas wieħed jikkunsidra li jallokahom mal-Kunsilli Lokali. Talab li jekk ikun hemm xi nies li jkunu jispecjalizzaw fi project managenet, procurement jew HR, li jkollhom salarju ghola, l-Assocjazzjoni tikkonsidra li tingaggjhom (il-hlas tas-salarju jsir mill-iskema) sabiex taghmel uzu mis-servizzi taghhom hi u anki tghaddihom lill-Kunsilli Lokali skont il-htiega.

**5.5.20 Workshop organizzat minn SEM** Il-President semma li l-AKL kienet attendiet għal workshop organizzat minn SEM fuq project development skills.

5.5.21 Dr. Samuel Azzopardi daħal għal-laqgħa 18:20

## 5.6 Affarjiet oħra

5.6.1 Il-President semma li fil-European Mobility Week ser ikun qed jara l-possibilita' sabiex ikun jista' jippromovi l-proġett Slow Streets mar-residenti. Semma li sabiex dan il-proġett ikun jista' jiġi implimentat il-Gvern Ċentrali jrid jinvesti madwar €8.6 miljun fuq tluet snin. Semma li jekk il-Gvern ma jikkommettix ruħu għal dan il-proġett, bi żvintura dan il-proġett ikollu jieqaf hawn għax il-Kunsilli m' għandhomx il-kapaċita' finanzjarja li jimplimentawh.

Semma li jaħseb li jkun għaqli li jekk fil-European Mobility Week issir esebizzjoni tal-istudji li saru fil-lokalitajiet. Dan ikun il-bidu ta' konsultazzjoni mar-residenti. Semma wkoll li ser ikun qed jara l-possibilita' li issir implimentazzjoni ta' parti mill-proġett Slow Streets. Il-President semma li ser ikun qed jara mas-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex sabiex din l-attivita' ssir hemm.

Chev. Paul Farrugia semma li r-Reġjuni kkollaboraw u iffinanzjaw ukoll l-istudji li jemmnu li kellhom jibdew jiġu implimentati u mhux biex jinxteħtu fuq l-ixkaffa.

Is-Sur Anthony Chircop semma li Transport Malta kienu wkoll ħarġu sejħa pubblika sabiex jistabbilixu rotot siguri f' ċerti żoni. Semma li kien hemm diversi laqgħat f' dan ir-rgward imma ma sar xejn fl-implimentazzjoni.

Is-Sur Jesmond Aquilina semma li minkejja li l-proġetti huma tajbin fil-kunċett tagħhom, il-mentalita' għadha lura sabiex Kunsill ikun komdu jimplimenta proġetti simili fil-lokalita'. Dawn il-proġetti jafu ma jkunux popolari mar-residenti.

5.6.2 Is-Sur Sandro Azzopardi semma li hemm diversi Kunsilli Lokali li jinstabu urtati bis-servizz mogħti għall-bdil ta' bozoz. Semma li qed ikun hemm dewmien biex dawn jinbiddlu. Is-Sur Jesmond Aquilina semma li l-Kunsilli Lokali qed ibatu biex jieħdu servizz tajjeb mill-kuntratturi. Semma li dan is-suġġett tqajjem waqt laqgħa li r-Reġjun Nofsinhar kellu mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Alison Zerafa Civelli.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

5.6.3 Is-Sur Stephen Sultana ssuġġerixxa li l-AKL għandha tikkordina laqgħa mal-Cleansing. Semma li qed ikun hemm problemi bis-servizz tal-knis offrut mill-kuntrattur tal-Kunsill. Il-President semma li jekk kemm-il darba l-Kunsilli Lokali mhux ser jużaw l-allokazzjoni tagħhom fil-massimu tagħha sabiex jipprovdu dan is-servizz, wisq jaħseb li jekk il-Kunsilli Lokali jitolbu s-servizz ta' diversi entitajiet sabiex jassistu lill-Kunsilli Lokali sabiex jagħtu dawn is-servizzi li huma fir-responsabbilita' tal-Kunsill li joffri ser inkunu qed nissugraw li l-allokazzjoni tkun aġġustata sabiex tirrifletti din l-għajnuna mogħtija minn terzi.

5.6.4 Is-Sur Sultana semma li ġie avviċinat minn żewġ Sindki li jaħdmu ma' bank lokali li minħabba regolamenti ta' ħinijiet u leave speċjali li din l-entita' tapplika għall-ħaddiema tagħha, qed iwassal għal diffikultajiet sabiex ikunu jistgħu jattendu għal-laqgħat relatati mal-ħidma tagħhom fil-Kunsilli.
Is-Sur Aquilina semma li għadu kemm ġie negozjat li fil-ftehim kollettiv li jkopri lil dawn il-ħaddiema idaħħlu għaxar siegħat fix-xhar bħala special leave li wieħed jista' jieħu sabiex jattendi affarjiet tal-Kunsill Lokali.

5.6.5 Il-President fakkar li l-Laqgħa Plenarja ser tinżamm nhar 18 ta' Ġunju filgħaxija. Semma li ser tkun diskussa t-tema, ta' kollaborazzjoni bejn il-Gvern Lokali. Semma li ser ikun hemm panels ta' mhux aktar minn 20 / 30 minuta-il wieħed sabiex ikun hemm lok għad-diskussjoni. Semma wkoll li ser ikunu mistiedna diversi NGOs, Entitajiet Governattivi kif ukoll Aġenziji li l-Kunsilli Lokali jaħdmu magħhom fil-qrib. Irrimarka li din se tkun l-ewwel plenarja li ser ssir wara dik ta' Marzu 2019. Irrimarka wkoll li l-ispiza ser tkun wahda notevoli minhabba li catering irid isir barra, anki ghaliex mhux ikun hemm rispons mill-lukandi biex jahdmu konferenzi u anki ghaliex il-prezzijiet mitluba kienu tali li jaghmilha mpossibli tahdem maghhom. Semma li hemm flus allokati, b' rizultat li l-budgets tal-ahhar sentejn ghal dan il-ghan ma kienx utilizzat. Minhabba l-istess pandemija.

5.6.6 Il-President semma li nhar 28 ta' Mejju ser issir laqgħa informali mas-Sindki tal-Kunsilli Lokali f' Għawdex.

5.6.7 Il-President semma li qed jinġabru kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Accountant għall-AKL.

5.6.8 Il-President semma li kienu daħlu xi applikazzjonijiet għal post vakant fi skala 16 bħala office cleaners mal-AKL. Semma li ser ikun qed tiġi ċċirkulata korrispondenza sabiex tinstab data u ħin għall-intervisti.

**5.7 Aġġornament**

5.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-seba' u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' il-Ħamis, 16 ta' Ġunju 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.6 li nżammet nhar il-Ħamis, 16 ta' Ġunju 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**